MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2002

Numru 259/2002

**Artiklu 21 tal-Kap 9**
**Artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**GAETANO ESPOSITO**

**Seduta ta' llum 23 ta' Dicembru 2002**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **GAETANO ESPOSITO** ta' tlieta w sebghin sena bin Danilo u Regga nee Clementina imwieled Napli nhar l-ghoxrin ta' April, 1964 u bl indirizz fiss hawn Malta u detentur ta' passaport Taljan numru 880658Z, gie mressaq quddiemha quddiemha akkuzat talli f'San Pawl il-Bahar nhar l-erbgha ta' Novembru, 2001 wara nofsinhar,

ikkommetta serq ta' kwantita ta' deheb, gojjelli u flus kontanti liema serq jeccedi s-somma ta' elf lira maltin ghad-dannu tal-familja Terribile, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur , persuna u bil-lok.

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement laqa ghadu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, tiddikjara lil imsemmija persuna bhala immigrant pprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu.

Rat l-atti kollha processwali partikolarment l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati dsatax ta’ Dicembru 2002.

Rat illi l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha b’gudikatura kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrat kemm fil-jum tal-prezentata u cioe` fis-sitta ta’ April 2002 kif ukoll fis-seduta tal-llum t-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2002.

Qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b’mod partikolari l-ammissjoni bikrija tal-imputat u dan malli gie moghti l-ewwel opportunita` cioe` fis-sitta ta’ April 2002.

Rat ukoll illi r-res furtiva nvoluta f’dan il-kaz giet kollha ritornata lid-derubati.

Rat ukoll illi l-imputat ikkumpensa lil derubati ghal pretenzjonijiet kollha dovuti lilhom ghad-danni li huma sofrew.

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni matul l-investigazzjoni kollha u kienet biss bl-ghajnuna tieghu li r-res furtiva giet kollha ritornata lil stess derubati.

Semghet ukoll lid-derubati jghidu li huma m'ghandhomx xewqa li l-istess imputat jintbaghat il-habs.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` li l-imputat ghamel perjodu taht detenzjoni f'habs Parigi u cioe` minn Novembru 2001 sa April 2002.

Rat ukoll li l-imputat m'nghatax il-liberta provizorja f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghamel zmien taht detenzjoni hawn Malta mis-sitta ta' April sa llum il-gurnata ghaldaqshekk b'dan illi l-imputat ghamel erbatax il-xahar detenut go habs.

**Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi bl-applikazzjoni tal-artiklu 21 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat GAETANO ESPOSITO ghal piena karcerarja ta' sena b'dan li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn dan iz-zmien.**

**In oltre tikkundanna lil imputat ihallas multa ta' hames mitt lira lil Gvern ta' Malta u tordna li ai termini tal-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta tinhareg Ordni ta' tkeccija kontra tieghu.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**